MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 148/2005

**Lombard Bank Malta plc (C 1607)**

**Vs**

**Napoleon u Jane konjugi Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu ikkundannati li jhallsu, 'in solidum', lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elfejn sitt mija tnejn u tletin Liri Maltin disgha u erbghin centezmi (Lm2632.49) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita ta' self li l-konvenuti ghandhom ma l-istess Bank attur, bl-interssi kkalkolati sal-21 ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) skond statement anness mal-avviz u mmarkat Dok A oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Frar, tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv, u dan stante l-fatt li ghalkemm

interpellati sabiex ihallsu l-ammont fl-avviz imsemmi anke ufficjalment skond kopja legali ta’ ittra ufficjali annessa mal-avviz u mmarkata Dok “B” il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza kontra l-konvenuti.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-2 ta’ April 2004, u tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid kawtelatorju pprezentati mal-kawza u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta’ Frar 2005 sad-data tal-pagament efettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 5 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenuti, avolja notifikati ma dehrux sabiex jikkontestaw skond il-ligi it-talbiet attrici.

Illi s-socjeta attrici pproduciet lil <u>Alexander Cutajar</u> li meta xehed, illum stess taht gurament, ikkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz kien ghadu dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, ‘in solidum’ bejniethom, jhallsu u lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm2632.49,0 bl-imghaxijiet legali mit-22 ta’ Frar 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi l-‘VAT” fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta‘ April 2004 u tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru u ta’ qbid tas-17 ta’ Marzu 2005, imsemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------